IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Deċiżjoni Numru : 2263**

Każ Numru 3092/KBC

Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn:

David Fenech

u

Paradise Bay Hotel Ltd

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi ingusta

Chairperson: Dr Katrina Borg-Cardona

Illum il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar, 2014

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tas-7 ta' Diċembru 2012 li permezz tiegħu ir-rikorrenti allega li l-impjieg tiegħu kien ġie terminat għal raġuni mhux ġustifikata;

Ra l-istqarrija tal-każ tar-rikorrenti;

Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tas-soċjetà intimata li permezz tagħha iġġustifikat it-tkeċċija tar-rikorrenti abbażi ta' allegata miżapproprjazzjoni ta' kwantità ta' laħam, liema aġir tgħid li r-rikorrenti naqas li jiġġustifika;

Ra l-lista tax-xhieda tas-soċjetà intimata;

Sema' x-xhieda ta' Stefan Fenech, direttur tas-soċjetà intimata, fejn qal li r-rikorrenti kien ilu impjegat ben 8 sa 10 snin meta tkeċċa u stqarr li dan seħħ wara li ra lir-rikorrenti jieħu ġo barmil madwar ħmistax –il kilo laħam misjur li kien imqiegħed bil-lest biex jieklu minnu l-impjegati tal-kumpanija. Qal li meta kkonfronta lill-impjegat dan qallu li kien se jitma' l-qtates li jkun hemm ħdejn il-lukanda u mbagħad wara

qallu li kien se jitma' l-klieb tiegħu li għandu f'razzett. Qal li min dan il-laħam jieklu l-impjegati u li jibqa' mhux mittiekel jinżamm għall-għada. Però jekk jibqa' ftit, dan jintrema dakinhar. In kontroeżami qal li l-barmil bil-laħam ma ttiħidlux ritratt. Il-laħam kien pork chops jew steaks u kienu left overs ta' ikliet tal-lukanda li kienu però tajbin biex jittieklu. Qal li keċċa lir-rikorrenti dak il-mument wara konfront li kellu miegħu li dam xi minuta kollox. Mistoqsi mit-Tribunal, ix-xhud qal li l-kumpanija għandha policy li xejn ma jista' jittieħed mill-lukanda u l-impjegati jafu b'din il-policy. Però din il-policy mhix waħda speċifika u miktuba u fil-fatt lanqas tingħad lill-impjegati għaliex suppost li jafu;

Sema' x-xhieda ta' Paul Busuttil, night duty manager fil-lukanda operata mis-soċjetà intimata, li stqarr li kellu relazzjoni tajba mar-rikorrent, li xogħolu dejjem għamlu u li qatt ma ra xejn ħażin minnu. Qal li Stefan Fenech kien bagħat għalih u qallu li kien keċċa lir-rikorrent u li kien qed ifittex barmil tal-yoghurt tal-gallun. Busutil qal li kien jaf li jiġbor xi ħaġa għall-qtates u li ġieli kien ra lir-rikorrent mdawwar bil-qtates waqt li jagħlifhom. Xehed li l-barmil instab u dan kien anqas minn nofsu mimli u minnu Fenech tella' biċċa laħam waħda. Qal li ma kienx hemm restrizzjonijiet dwar kemm jieklu l-impjegati iżda kien hemm ordni li ħadd ma joħroġ ikel mill-lukanda. Dan għax qabel ħafna kienu jiġbru xi ikel u jieħduh għall-klieb tagħhom, liema prattika kienet spiċċat madwar ħames snin qabel. In kontroeżami qal li l-barmil sabu Fenech u ma kienx ra lir-rikorrenti ipoġġieh fil-pantry u lanqas ħiereġ bih. Mistoqsi jekk l-ikel misjub fil-barmil kienx ta' ġurnata jew tnejn qabel u jekk kellux jintrema x-xhud qal li l-ikel għar-rimi kien żgur. Qal li l-ikel misjur dejjem jintrema, b'xi eċċezzjoni rari. In rieżami x-xhud qal li l-inċident seħħ għal xis-7pm u l-istaff kollha għajr għal tal-bar ikunu kielu fis-6pm. Skont ix-xhud, tal-bar, però jieklu mill-buffet.

Sema x-xhieda tar-rikorrent, fejn stqarr li kien ilu impjegat mas-soċjetà intimata tmien snin u fuqhom u li ma kellux twissijiet kemm kien ilu hekk impjegat. Qal li dakinhar li seħħ il-każ Stefan Fenech stqasieh x'kien qed jagħmel u hu rrispondieh li kien qed jiġbor xi ħaġa għall-qtates. Skont ir-rikorrent, Fenech staqsieh jekk kellux kelb u r-rikorrent irrispondieh fl-affermattiv u dan wassal biex keċċieh sommarjament mill-impjieg, tant li l-konversazzjoni ħadet inqas minn minuta. Dwar il-qtates qal li dawn jinġabru quddiem il-lukanda u minn mindu ġew dawn il-qtates spiċċat il-problema tal-ġrieden li kien jaf biha Fenech stess. Xehed li l-ikel li ġabar ġo barmil kien majjal

minn *Maltese Night* ta' jumejn qabel flimkien ma' xi għaġin u dan il-barmil bl-ikel poġġieh fuq xkaffa fil-*pantry* biex aktar tard jagħlef lill-qtates minnu. Qal li l-ikel ħadu mill-canteen tal-istaff – ikun ikel li qabel inħareġ mill-*fridge* u jitpoġġa fuq *hot plate* biex jieħdu minnu l-impjegati. Ir-rikorrent xehed li l-ikel kien ilu għal xi ħin fil-*canteen* meta ġabru u l-impjegati solitament jippreferu jistennew l-ikel frisk mill-*buffet* milli jieklu l-ikel ta' jumejn qabel mill-*canteen.* In kontroeżami r-rikorrent qal li l-lukanda ma kellhiex *policy* jew proċedura rigward l-ikel, la miktuba u lanqas verbali.

Ra li fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2013 l-każ ġie differit għad-deċiżjoni;

**Ikkunsidra:-**

Illi r-raġuni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-każ tal-kumpanija għall-liċenzjament tal-impjegat hija li r-rikorrent kien ittenta jagħmel "misapproprjazzjoni ta' kwantità ta' laħam." Dan it-Tribunal irid iqis il-provi fid-dawl ta' din ir-raġuni dikjarata biex jasal jistabbilixxi jekk ir-raġuni mogħtija hijiex bażi oġġettivament tajba u biżżejjed għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent u, jekk hi oġġettivament tajba u biżżejjed, jekk il-fatti jsostnux l-akkuża addebitata fuq l-impjegat.

Il-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi r-reat ta' misapproprjazzjoni, ossia appropjazzjoni bla jedd, hekk: "Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar."[1]

Illi t-Tribunal iqis li kemm il-darba impjegat ikun ikkommetta r-reat ta' misapproprjazzjoni għad-dannu tal-prinċipal tiegħu, allura tali att ikun iservi bħala bażi tajba u biżżejjed għat-terminazzjoni tal-impjieg.

Issa f'dan il-każ ġie stabbilit li l-ikel ittieħed minn dixxijiet għal barmil u dan il-barmil instab minn Stefan Fenech ġewwa l-*pantry* tal-istess lukanda. Filwaqt li

[1] Art. 293, Kodiċi Kriminali.

Fenech xehed li r-rikorrent kien f'xi mument biddel il-verżjoni (l-ewwel semma' li l-ikel kien għall-qtates u mbagħad qal li kien għall-klieb tiegħu), dan huwa f'konflitt max-xhieda tar-rikorrent. Ir-rikorrent xehed b'determinazzjoni li l-ikel kien għall-qtates li kienu jinġemgħu quddiem il-lukanda stess u din il-verżjoni ssib korroborazzjoni fix-xhieda tan-*night duty manager* li kkonferma li r-rikorrenti kien solitu jagħlef lil dawn il-qtates. Jirriżulta wkoll li r-rikorrent kien għadu jibda x-*shift* tiegħu dakinhar u għalhekk kienu ser jgħaddu diversi siegħat sakemm l-impjegat ikun f'pożizzjoni li jitlaq mill-post tax-xogħol. Minn analiżi tal-provi miġbura, dan it-Tribunal ma wasalx għall-konvinċiment morali, lanqas fuq bażi ta' probabilità, li r-rikorrenti kellu l-intenzjoni li jdawwar bi profitt għalih innifsu jew favur xi persuna oħra, l-ikel li kien jinsab ġol-*canteen* tal-lukanda.

Għalkemm mhix mogħtija bħala r-raġuni tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti, dan it-Tribunal qies ukoll li l-kumpanija intimata allegat ukoll li kien hemm *policy* li ebda ikel ma jinħareġ mill-lukanda. Dwar l-eżistenza ta' din il-*policy* ma hemmx qbil bejn il-partijiet. Ix-xhud Paul Busuttil, filwaqt li ikkonferma li kien hemm ordni li ma jinħariġx ikel mill-lukanda, fl-istess ħin iddikjara li jaf li r-rikorrent (subordinat tiegħu) kien jagħlef lill-qtates, u dan it-Tribunal fehem li kien fuq bażi regolari. Għalhekk, dan it-Tribunal ikollu jikkonkludi li din il-*policy* kienet waħda ambigwa. Prinċipal li jrid jistrih fuq *policy* u proċeduri li jistgħu saħansitra jwasslu għall-liċenzjament ta' impjegat għandu jassigura ruħu li dawn ikunu ċari u jkunu nġiebu a konjizzjoni tal-impjegati kollha. Issa f'dan il-każ ir-rikorrenti kien jagħlef lill-qtates bl-ikel li ma jkunx ittiekel mill-impjegati (u li x'aktarx kien se jintrema), u kien jagħmel dan bla ħabi u taħt għajnejn is-superjuri tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal iqis li l-prinċipal aġixxa b'mod goff meta keċċa sommarjament lill-impjegat fuq ksur ta' *policy* li, anke jekk kienet teżisti, ma kienet ċara xejn u ma kienitx tiġi inforzata fejn jikkonċerna l-għalf tal-qtates li jinsabu quddiem il-lukanda stess.

Fuq kollox, dan premess irid jiġi meqjus anke fid-dawl tal-fatt li lanqas tressqet prova li fl-inċident in kwistjoni l-ikel inħareġ mill-lukanda. Fil-fatt ix-xhieda kollha qablu li l-barmil bl-ikel kien tpoġġa fil-pantry tal-lukanda stess u għalhekk fil-konfini tal-lukanda. Anke jekk seta' kien hemm il-ħsieb li l-ikel jinħareġ mill-lukanda biex ikunu mitmugħa l-qtates, bħala fatt l-att ma seħħx u għalhekk dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mal-allegazzjoni tas-soċjetà intimata li r-rikorrent kiser *policy* li ma jinħariġx

ikel mill-lukanda. Fir-replika tat-trattazzjoni finali da parti tas-soċjetà intimata, l-istess soċjetà tikkonċedi li serq ma kienx hemm iżda kien hemm “allegat serq” u allura l-kumpanija anke tilfet il-fiduċja fl-impjegat. Iżda f’dawn il-proċeduri it-Tribunal irid iqis il-provi, kif fil-fatt għamel, u mhux joqgħod biss fuq dak li jiġi allegat iżda mhux ippruvat. Lanqas hija ġustifikazzjoni tajba u biżżejjed li l-prinċipal jiddikjara li tilef il-fiduċja fl-impjegat sakemm tali telfien tal-fiduċja ma jkunx motivat minn fatti u ċirkostanzi serji li ma jħallux dubju f’moħħ il-ġudikant li l-impjegat kien aġixxa ħażin - xi ħaġa li dan it-Tribunal ma rax minn eżami meqjus tal-provi.

It-Tribunal għalhekk jikkonkludi li s-soċjetà intimata naqset li tipprova li kien hemm raġuni tajba u biżżejjed għat-temm tal-impjieg tar-rikorrenti u, wara li qies iċ-ċirkostanzi tat-tmiem tal-impjieg u wkoll iċ-ċirkostanzi soġġettivi tal-impjegat, inkluż l-istorja lavorattiva u l-età tar-rikorrenti, sejjer jillikwida kumpens favur ir-rikorrent.

**Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi fl-ewwel lok jiddikjara li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata ma kienitx għal raġuni tajba u biżżejjed fil-liġi u, għalhekk, a tenur tal-Artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta’ Malta qiegħed jiffissa kumpens fl-ammont ta’ għaxart’elef euro (€10,000) u jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas tali kumpens lir-rikorrent.**

Għall-fini ta’ drittijiet, it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta’ tlieta u disgħin euro u sbatax -il ċentezmu (€93.17).

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 t-Tribunal jiddikjara li minħabba n-numru tas-seduti u differimenti ma kienx possibbli li l-każ jinstama’ u jinqata’ fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

Iffirmat : Dr Katrina Borg-Cardona

Chairperson

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja